**Il-Virtujiet Kardinali f'Madre Margerita**

Il-Katekiżmu tal-Knisja fit-Tielet parti, fejn jitkellem fuq "Il-Ħajja fi Kristu" jiddefenixxi l-virtù bħala ***"dispożizzjoni abitwali u soda għall-għemil it-tajjeb. Tippermetti lill-persuna umana li tagħmel mhux biss għemil tajjeb, imma ukoll li tagħti dak li hu l-aħjar fiha nnifisha. Persuna mżejna bil-virtù, bil-forzi kollha tagħha tar-ruħ u tal-ġisem, tinġibed lejn dak li hu tajjeb, tfittxu u tagħżlu b'għemil, bil-fatti."*** (n. 1803). U jitkellem fuq il-virtujiet kardinali bħala ***virtujiet "li fuqhom, bħal fuq ċappetta jistrieħu l-virtujiet l-oħra kollha – il-virtujiet l-oħra kollha jinġabru madwarhom. Dawn l-erba' virtujiet huma l-għaqal, il-ġustizzja, il-qawwa u l-qjies (rażan, temperanza)***." (n. 1805).

Kull min għex għal xi żmien mal-għażiża fundatriċi tagħna Madre Margerita għaraf kemm kienet tħabbrek biex tgħix dawn il-virtujiet, u tistinka biex permezz tal-eżempju tagħha, tħajjar anke lil oħrajn biex jgħixuhom. Fix-xhieda li taw bosta sorijiet matul il-proċess djoċesan tal-Kawża għall-Kanonizzazzjoni tagħha, urew kemm dan kien minnu. Per eżempju Sr Lina Camilleri stqarret: *"Bil-mod kif kienet tgħix, Madre Margerita kienet tistedinna biex nilħqu livell għoli ta' virtù."* Fl-ittri tagħha lis-sorelli ukoll kienet tenfasizza li jgħixu ħajja ta' qdusija, ħajja ta' virtù: *"Kun ċkejkna, iċċekken; ħalli l-ħelu Ġesù jaħdem fik kif jogħġbu. Oqgħod attenta li ma ttellifx l-azzjoni tiegħu, imma li timxi magħha ġenerożament u fedelment, bla imma u bla jekk."* (L 146).

Santu Wistin jgħidilna li tgħix tajjeb ma hu xejn ħlief tħobb lil Alla b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, b'għemilek kollu. Għal Alla l-imħabba trid tkun sħiħa (permezz tat-temperanza), ebda ħażen ma għandu jkissirha (u din hija xhieda ta' qawwa), u tobdi lilu biss (din hi l-ġustizzja), u tishar biex tgħarbel kollox bil-biża' li jeħduk għall-għarrieda l-qerq u l-gideb (u hawn hu l-għaqal). X'ħin niflu l-ħajja kollha ta' Madre Margerita, mhux dan hu li għexet? Mhux dan hu dak li tiegħu tat xhieda f'kull mument?

Fit-tmiem tal-Viżta Kanonika li kienet għamlet fid-Dar tal-Pillar, fl-1920, kitbet lis-sorijiet u ħeġġithom biex jikbru fil-prattika tal-virtù, biex b'hekk jipperseveraw sal-aħħar f'relazzjoni mill-aqwa ma' Dak li sejħilhom: *"Itolbu għeżież uliedi, itolbu*

*dejjem biex it-Twajjeb Ġesù jwassalkom biex tgħożżu l-virtujiet sbieħ ta' ċaħda, ta' sottomissjoni, ta' sagrifiċċju, u biex dawn jiddu fikom fl-ogħla grad ta' perfezzjoni. B'hekk dawn ikunu għalikom korazza żgura kontra l-għedewwa kollha tar-ruħ, u garanzija tal-eternità qaddisa, li hi mwiegħda lil dawk kollha li jissieltu b'ħeġġa perseveranti." (V10).*

Skont San Tumas Akwinu, il-**Prudenza** hija l-ewwel virtù kardinali, għax għandha x'taqsam mal-intelett. Hija l-virtù li twassalna biex nagħrfu dak li hu tajjeb minn dak li hu ħażin f'kull sitwazzjoni. Madre Margerita, tul ħajjitha kollha tħarrġet f'din il-virtù, u għexitha verament f'livell erojku f'ħafna sitwazzjonijiet iebsin. Biżżejjed inħarsu lejn is-snin twal li hija għaddiet fit-tmexxija tal-Kongregazzjoni u kif għarfet tqajjimha fuq saqajha u tmexxiha 'l quddiem. Kif jikteb P. Ambrosio Eszer O.P. ir-Relatur Ġenerali tal-Kawża, fil-parti hekk imsejħa *Informatio* tal-*Positio*, l-imġieba ta' Madre Margerita uriet lil kulħadd li kienet persuna mogħnija bi prudenza kbira sopranaturali, u din ibbażata fuq maturità umana partikulari. Il-kitbiet tagħha juru biċ-ċar kif in-nar ta' imħabba li kien iħeġġeġ f'qalbha qatt ma aljenaha mir-realtà tal-ħajja ta' kuljum, kemm tagħha u kif ukoll tal-oħrajn ta' madwarha: m'għexietx fil-fantasija, imma kienet attenta u sensibbli għal dak kollu li jorbot il-bniedem għall-ħidma ta' kuljum. Anke Dun Gużepp Diacono għaraf din il-prudenza u maturità, għax għabba fuq spallejha responsabiltajiet kbar, bħal dik ta' Segretarja ġenerali, għalkemm kienet għada ta' età żgħira.

Narawha tgħix il-virtù tal-Prudenza fir-relazzjonijiet tagħha kemm mas-sorijiet kif ukoll mal-lajċi. Il-mod kif kienet tikkoreġi lis-sorelli għal xi difett li kienet tara fihom kien xhieda li kienet tmexxiha din il-virtù fl-għemil tagħha. Fil-ħajja tagħha il-virtù tal-prudenza u dik tal-karità kienu jimxu flimkien. Fix-xhieda li tat Sr Luigina Meilak fil-Proċess tal-Kawża ma setgħetx tesprimiha aktar ċara: *"M'għandix dubju mill-prudenza tal-Madre, għax kemm fi kliemha kif ukoll f'għemilha użat l-imħabba bħala t-termometru. Għalhekk jiena konvinta li kienet il-virtù tal-prudenza li ggwidata fil-korrezzjoni, fil-pariri li kienet tagħti. Anke il-lajċi kienu jfittxuha għall-pariri, u hi dejjem għenet lil kulħadd."* Fl-ittri tagħha wkoll dejjem fittxet li tgħin lil uliedha s-sojiriet b'kelma tajba, bi kliem meqjus u ħiereġ mill-qalb, imma fl-istess

ħin sod u persważiv. U kien għalhekk li s-sorijiet (u anke l-lajċi) kienu jafdaw fiha u jiftħu qalbhom magħha.

Hekk xehdet Sr Ersilia Cachia, fil-Proċess tal-Kawża, dwarha: *"Naf lil Madre bħala persuna prudenti ħafna; il-kliem tagħha kien meqjus, u kienet toqgħod attenta ħafna biex ma toffendi lil ħadd. Is-sorijiet kienu japprezzaw il-pariri tagħha, u fil-fatt kienu jfittxuha, anke meta ma kinitx għada superjura, biex jitolbuha xi parir.... Meta kienet tikkoreġi, kienet tagħmel dan bil-ħlewwa u l-imħabba, biex hekk tkun żgura li ma tweġġa' lil ħadd. Qatt ma smajtha tgħolli leħinha ma' xi ħadd, imma dejjem ġabet ruħha mansweta."* U xhieda oħra, Sr Annita Saliba, żiedet tgħid: *"Kienet toqgħod attenta ħafna biex ma tkunx ta' piż fuq ħadd. Ma kellhiex pretensjonijiet ... kienet tikkuntenta b'kollox, u kienet taddatta ruħha għal kull sitwazzjoni."*

Madre Paċifika ħallitilna bil-miktub dan li ġej dwarha: *"Kellha kelma tajba għal kull waħda minna, tant li kulħadd kien jafda fiha u hi kienet tagħti pariri tajba, pariri spiritwali li kienu jħallu f'dik li tkun paċi tal-qalb."* Sikwit fl-ittri tagħha lis-sorijiet, kienet tirrikmandalhom li jgħixu din il-virtù. Hekk kitbet lil Madre Paċifika fl-1924: *"Nifraħlek tal-missjoni ġdida li ngħatatlek. Qis li taħdem sewwa u bil-prudenza f'dan il-qasam, imma fl-istess waqt bi spirtu kollu kemm hu serafiku u evanġeliku."* (L 85). Waqt li kienet turi ħafna attenzjoni għall-persuna li lilha tkun qed tikteb, iżda kliemha dejjem jaqa' fuq l-ispiritwal, billi ħelu ħelu ddawwar il-kliem fuq dak li hu mportanti. F'ittra li kitbet lil Sr Luisa Busuttil narawh ċar dan il-fatt, għax wara li staqsitha fuq xi sorijiet, fuq il-vokazzjonijiet, fuq it-tfal, fuq is-saħħa, f'daqqa waħda donnha tinduna li qed titkellem fuqha nfisha u tgħidilha: *"Bilħaqq dwar l-Uniku kollox tagħna għadna ma għedna xejn. Kif aħna sejrin?..."* (L 110). Fil-fatt, wieħed mill-pariri siewja li tagħtiha f'din l-ittra kien proprju dan: *"Donnok tistħajjel li l-periklu qiegħed kullimkien, u għalhekk hemm bżonn li nkunu serji, prudenti u beżgħanin, aktar milli kuraġġjużi."* Kemm għandna x'nimitaw fiha!!!

Skont San Tumas Akwinu, il-**ġustizzja** hija t-tieni virtù kardinali għaliex għandha x'taqsam mar-rieda. Hija l-virtù ta' determinazzjoni kostanti u permanenti li tagħti lil kulħadd dak li hu tiegħu, dak li Ġesù fil-Vanġelu fisser hekk: li tagħti lil Alla dak li hu ta' Alla u lil Ċesri dak li hu ta' Ċesri.

Madre Margerita fehmet x'post kellha fir-relazzjoni tagħha ma' Alla u mal-ħolqien tiegħu. Biex tgħix il-vokazzjoni tagħha u tkompli tgħid lil Alla l-IVA tagħha kontinwament, riedet tibqa' tagħti bla ma taqta' l-ewwel post lil imħabbtu. Hija ġabet ruħha ta' vera bint, grata għal dak kollu li jagħmel magħha il-Missier, li fuqu għarfet id-dipendenza li kellha. *"Hi ħaġa sewwa li ma nafdawx fina nfusna, imma fl-istess ħin jeħtiġilna nħarsu mill-ewwel lejn il-qawwa tal-għajnuna divina li ma tonqos qatt lil dawk li jittamaw fil-qalb tal-Missier u l-Għarus divin tagħna li jista' kollox!!!"* (L 80). *"Jaħasra ma nafx kemm tiflaħ il-qalb iebsa tagħna tara dan il-kobor tal-għaġeb tal-imħabba lejn ħlejjaq hekk imsejkna, u dan minn Mulej hekk ta' kobor! Kemm għandna nistagħġbu meta naraw lil dan Alla, għal tliet darbiet qaddis, imwieled f'Għar u mejjet fuq Salib fuq il-Kalvarju. U baqa' magħna kważi mxejjen f'naqra ta' Ostja."* (L 71).

Kienet taf tagħmel dixxerniment tal-valuri. Il-ħin tat-talb għaliha kien ħin mogħti lil Alla u lil Alla waħdu. Ma kinitx tkun trid li s-sorijiet ikellmuha jew isejħulha f'dak il-waqt meta tkun f'riġlejn it-Tabernaklu. Kienet tgħaddi sigħat twal kemm matul il-jum kif ukoll matul il-lejl f'riġlejn it-Tabernaklu. Is-sorijiet kienu jarawha f'ġabra kbira, ħafna drabi wkoll bid-dmugħ f'għajnejha. Is-sorijiet li għexu magħha fil-Casa Madre jirrakuntaw li biex ma tiġix iddisturbata waqt it-talb, kienet tidħol wara l-altar tal-Kor, fejn kien hemm spazju li kien jiġi fuq wara tat-tabernaklu tal-Knisja (dan il-post kien jissejjaħ *it-toqba*). Madre Margerita kienet tgħaddi sigħat twal hemm ġew, tadura lil Ġesù, f'kolokwju intimu miegħu. *"Ħadd ma kien jissogra jsejħilha f'dawk il-ħinijiet. Kienet tibqa' għal ħin twil hemm, u meta ma konniex insibuha, konna nkunu ċerti li kienet tkun magħluqa hemm ġewwa ma' Ġesù."* (xhieda ta' Sr Martina Vella).

Fl-ittri tagħha, speċjalment dawk miktuba lid-Diretturi Spiritwali tagħha, jispikka ħafna l-viżjoni tagħha tal-ġustizzja ta' Alla. Per eżempju, f'ittra miktuba lil Mons Alfons Agius, fi żmien it-tieni gwerra dinjija (22/02/1942) tgħidlu: *"Inħobbu u noffru lilna nfusna bħala vittma flimkien mal-Kollox tagħna li jitfa' l-kastigi ħelwin tiegħu fuq il-bnedmin biex iressaqna lejh, bħal Missier ta' ħniena l-aktar kbira ... Min jaf, Padre, il-Qalb Ħelwa ta' Ġesù kif inhi mnikkta waqt li tħalli l-Ġustizzja tinżel fuq l-*

*imsejkna bnedmin? U kemm jixtieq li npattu, bit-talb, bis-sagrifiċċji u l-penitenzi tagħna."* (L 47).

L-għajta tagħha *"Inħobbu l-Imħabba li mhix maħbuba għax mhix magħrufa .. Nagħmlu li tkun magħrufa imbagħad żgur li tkun maħbuba."* hija għajta ħierġa minn qalb maħkuma mill-virtù tal-ġustizzja, li kienet miġnuna biex lil Alla tagħtih il-glorja li jistħoqqlu, li tagħmel li l-bnedmin kollha jagħrfu l-kobor tal-imħabba tiegħu u b'hekk aktar persuni jersqu lejH.

Is-sens ta' ġustizzja jidher ukoll fil-mod li bih Madre Margerita wettqet b'responsabiltà il-qadi lejn il-komunità, il-Kongregazzjoni. L-istess sorelli li għexu magħha kkonfermaw kemm qatt ma għamlet preferenzi, u kemm meta kellha tieħu deċiżżjonijiet iebsa ma beżgħetx teħodhom wara li tkun talbet u għarblet biex tagħraf liema kienet l-aħjar deċiżżjoni. Fl-ittri tagħha kienet twissi lis-sorijiet fejn kienet tħoss li hemm il-ħtieġa: *"Intennu dejjem l-għażiż Fiat, imma bil-kuraġġ u bil-ferħ, u mhux bid-dmugħ u t-tnehid. Fhimtni? Ma nafdawx fina nfusna iżda jkollna fiduċja bla qjies fit-tjubija divina u daqshekk ... Għalhekk agħmel kuraġġ u tkunx bħal tifla żgħira. Ġib ruħek ta' għarusa qawwija billi tintelaq kollox kemm int f'dan l-Għarus ħelu ... Ma rridx inkun naf aktar bid-dmugħ tiegħek."* (L 143). *"It-taqtigħ ta' qalb tiegħek inikkitni, għax ma nixtieq qatt li dan jidħol fil-qalb ta' xi għarusa tat-twajjeb Ġesù. Aħna rridu nagħmlu kull ma nistgħu biex imbagħad bla biża' nħallu kollox f'idejn il-Providenza divina ... Għalhekk kuraġġ qawwi qawwi, bla ma tagħti każ ta' dak li jingħad dwarek ."* (L 144).

Madre Margerita kienet tgħix dak li tgħallem, u l-pariri tagħha, mogħtijin b'insistenza kemm lis-sorijiet kif ukoll lil-lajċi kienu jsibu konferma fix-xhieda ta' ħajjitha. Dak li kienet tisħaq li jagħmlu l-oħrajn kienet tkun hi l-ewwel waħda li tgħixu. L-eżempju tagħha kien jikkonferma l-kelma tagħha.

It-tielet virtù kardinali hija **l-qawwa**. Din il-virtù tagħtina l-kuraġġ biex negħlbu l-biża' u nibqgħu sodi fir-rieda quddiem kwalunkwe t-tfixkil. Waqt li l-prudenza u l-ġustizzja huma l-virtujiet li permezz tagħhom niddeċiedu dak li għandu jsir, il-qawwa tagħtina l-imbuttattura biex nagħmluh. Din il-virtù tagħtina l-kapaċità li nipperseveraw fiż-żmien tal-prova u tad-diffikultajiet; nibqgħu nirreżistu minkejja li

l-ħajja ssir diffiċli. Mingħajr dubju, Madre Margerita għexet din il-virtù fil-milja kollha tagħha. Kienet mara ta' viżjoni u uriet l-qawwa tagħha, b'mod partikulari, fil-ftuħ li ġabet fil-Kongregazzjoni. Filwaqt li Dun Ġużepp Diacono kien jinsisti li l-Kongregazzjoni kellha tkun magħmula biss minn sorijiet Għawdxin, Madre Margerita tagħtiha identità oħra. Hija twessagħha mhux biss għal Maltin, iżda kienet hi stess li fetħet djar 'l bogħod minn xtutna. Fl-ewwel dar barra minn pajjiżna – f'dik ta' Korfù – kienet hi l-pijuniera li marret għal din l-isfida. Nafu mill-istorja li malli waslu, lanqas biss kellhom fejn joqogħdu u l-ewwel lejl għaddewh mal-ħajt taċ-ċimiterju. Forsi dan kollu ma jissejjaħx qawwa u kuraġġ erojku?

Madre Margerita għarfet li dawk li jagħżlu li jimxu wara Kristu, iridu jħejju ruħhom biex jissieltu, ħalli iwettqu l-ħidma ta' Alla. Jeħtieġu jkunu persuni ta' kuraġġ li ma jaqtgħux qalbhom mal-iċken tfixkil li jsibu, imma "nisa ta' ħila" li b'kuraġġ iħarsu dejjem 'l quddiem, lejn l-għan aħħari li għalih aċċettaw l-istedina tal-Mulej.

L-Enċiklika *"Mulieris Dignitatem"* tal-Papa Ġwanni Pawlu II, li titkellem fuq id-dinjità u l-vokazzjoni tal-mara, titkellem dwar "il-mara ta' ħila", jiġifieri l-mara li tgħix il-virtù tal-qawwa: ***"L-għarfien u l-vokazzjoni tal-mara juruha x'inhi d-dinjità li rċeviet mingħand Alla; b'hekk issir il-mara ta' ħila li titwettaq fil-vokazzjoni tagħha. B'hekk il-mara ta' ħila ssir għajnuna meħtieġa fuq li meħtieġa, għall-oħrajn kollha, u bidu ta' qawwa spiritwali għal dawk kollha li jgawdu mill-qawwa kbira ta' qalbha."*** (n. 30). U dan kollu nsibuh f'Madre Margerita li għexet l-ispirazzjonijiet tal-Ispirtu s-Santu b'kuraġġ liema bħalu, mibni fuq fiduċja bla qjies fil-Provvidenza ta' Alla, fuq twemmin li Hu qatt ma kien se jitlaqha weħidha.

F'kull ċirkustanza, imma b'mod speċjali f'sitwazzjonijiet mill-aktar imwiegħra, uriet qawwa li ma setgħetx tkun ħlief ġejja minn Alla. Id-determinazzjoni tagħha li twassal għat-tmiem kull ħidma li ħassitha ispirata minn Alla tispikka f'ħafna ċirkustanzi fil-ħajja tagħha. Forsi l-aktar ġrajja li tiġina f'moħħna hija meta hi – f'età daqshekk żgħira u bla esperjenza ta' xejn - salvat il-Kongregazzjoni milli tispiċċa, billi ħadet ir-riedni f'idejha, f'dak il-mument partikulari meta Dun Ġużepp Diacono kien qata' qalbu għal kollox, u kważi, nistgħu ngħidu, ried jaqtagħlha qalbha wkoll meta qalilha: *"Għalfejn ġejt? Min sejjaħlek?... Forsi ġejt biex tieħu ħsieb int tal-komunità? Tista' forsi int tħallas id-djun?* U Madre Margerita, li f'dak il-ħin ħasset li Alla huwa

aktar qawwi mill-bniedem, u li ma jitlaq qatt lil dawk li jqiegħdu l-fiduċja tagħhom fiH, wieġbet: *"Iva, Missier, jien inħoss li, bl-għajnuna ta' Alla nista' nieħu din ir-responsabbiltà u mmexxi 'l quddiem din l-opra."* Din hija biss sitwazzjoni waħda fejn naraw b'mod prominenti l-virtù tal-qawwa li ħaddnet Madre Margerita, iżda nafu li din il-qawwa urietha f'kull sitwazzjoni tul ħajjitha kollha, forsi b'mod partikulari fit-twaqqif ta' kull Dar li fetħet. Forsi nistgħu nsemmu wkoll il-ftuħ tad-Dar tal-Adorazzjoni, li minkejja d-dubji tal-membri l-oħra tal-Kunsill meta din ġiet offruta lill-Kongregazzjoni mill-Isqof ta' dak iż-żmien, hi baqgħet tinsisti, sakemm irnexxilha tegħleb ir-reżistenza tagħhom. Kienet konvinta li Alla ma kienx se jonqos li jgħinhom, ladarba dik kienet ħidma mogħtija kollha kemm hi għall-unur tiegħu, u għar-riparazzjoni.

Għandna eżempju ċar tal-qawwa tal-Madre, f'sitwazzjoni umiljanti meta l-Isqof, waqt il-Kapitlu, talab lid-delegati biex ma jivvutawlhiex u meta ma obdewx u ivvutawlha xorta waħda, inkorla u ma aċċettax ir-riżultat. Hi, niżlet għarkupptejha u talbet maħfra lill-Isqof għan-nuqqas ta' ubbidjenza min-naħa tad-delegati. Din żgur kienet sitwazzjoni ta' tbatija għaliha, mhux tant għax l-Isqof ma riedx li jivvutawlha, daqskemm għan-nuqqas ta' ubbidjenza min-naħa tas-sorijiet lejn l-Isqof.

Tul il-ħajja kollha tagħha kellha tiffaċja diffikultajiet kbar, u f'waqtiet minnhom l-anqas min jifimha ma sabet. Imma minkejja d-dgħufija li kienet tħoss, qawwa straordinarja kienet timbuttaha biex tegħleb id-diffikultajiet l-aktar kbar, qawwa li kienet iġġibha mill-fiduċja li kellha f'Alla u l-abbandun tagħha fiH, żgura li Hu qatt ma kien se jħalliha nieqsa. Hekk kitbet lid-Direttur Spiritwali tagħha, Mons. Antonio Galea, f'waħda mil-ittri: *"X'għandi nagħmel jekk mhux nabbanduna ruħi totalment fil-ħarsa paterna tal-Providenza divina? Għandi bżonn tal-għajnuna, tal-kuraġġ, għalhekk mingħajr telf ta' żmien ninxteħet f'dak l-oċean ta' Imħabba Divina ... f'dak il-Ħdan tal-Missier fejn insib dawl u serħan, biex inkun nista' nkompli miexja dejjem 'il quddiem, 'il quddiem, sakemm nasal biex nixrob sal-aħħar qatra tal-kalċi morr."* (L 25). Kienet kontinwament ittenni l-"għażiż Fiat, mingħajr jekk u mingħajr imma", kif ħeġġet lil Sr Paċifika biex tagħmel flimkien magħha: *"Intennu dejjem l-imqaddes*

*Fiat u nibqgħu mexjin bla ma negħjew jew niddejqu. ... Kuraġġ u nimxu dejjem 'il quddiem".* (L 86).

U jekk mingħalina li Madre Margerita għexet dan l-ispirtu ta' qawwa **biss** fis-snin meta kienet mgħaddsa fil-ħidma favur il-Kongregazzjoni, qed niżbaljaw bi kbir, għax forsi l-aqwa eżempji ta' qawwa tathomlna fl-aħħar snin ta' ħajjitha, meta ma setgħet tagħmel xejn u kienet tiddependi fuq is-sorelli għall-ħtiġijiet tagħha. Għexet is-sitwazzjoni tagħha fil-kalma u b'rassenjazzjoni ta' min jammira, waqt li xorta baqa' jinteressaha u jimpurtaha minn dak kollu li qed jiġri fl-għażiża Kongregazzjoni tagħha.

Madre Margerita kienet konvinta li mit-Tabernaklu biss setgħet tiġbed il-kuraġġ li jkollha bżonn, u kienet għalhekk spiss tagħti parir lis-sorelli tagħha biex il-kuraġġ li jkunu jeħtieġu jfittxuh hemm: *"Meta tkun imnikkta u qalbek maqtugħa mur malarj ħdejn it-Twajjeb Ġesù, Priġunier tal-Imħabba, u toħroġ minn hemm mimlija kuraġġ u msaħħa."* (L 143). *"Inħobbu u nitqabdu ħalli naslu għall-iskop li għalih il-Mulej għażilna." (*L 102). *"Jien nixtieq li kieku ninqasam b'4, f'6 u wkoll f'10, filwaqt li bilkemm niswa daqs waħda."* (L 86).

Ir-Raba' virtù Kardinali - **il-qjies, ir-rażan**, - hija dik il-virtù li tgħallimna nikkontrollaw ix-xewqat u l-passjonijiet tagħna. Iżżommna 'l-bogħod minn dak li hu żejjed, u tgħinna nżommu bilanċ, biex nagħrfu safejn għandna naslu fix-xewqat tagħna. F'dan il-qasam, żgur li nagħrfu kemm kienet esperta Madre Margerita, kemm għarfet trażżan ix-xewqat u l-ġibdiet tagħha! Fl-ikel u fl-ilbies kienet meqjusa għall-aħħar, mingħajr ma kellha xejn żejjed. Anzi, fuq il-mejda kienet tibqa' lura, u dejjem tispiċċa tieħu l-agħar. Fix-xhieda li tat Sr Delfina matul il-Proċess tal-Kawża, stqarret: *"L-akbar ferħ tal-Madre (Margerita) kien meta jgħidulha li naqset xi ħaġa. Allura hi, bil-fiduċja tas-soltu fil-Providenza Divina kienet tħares lejn is-sema u tgħid: Mulej inroddlok ħajr li kultant tagħmel li tonqos xi ħaġa biex niftakru li aħna fqar."*

Kemm-il darba fl-ittri tagħha ħeġġet lis-sorijiet biex jgħakksu l-amor proprju tagħhom, biex ma jfittxux dak li hu komdu u sew għalihom, anzi: *"Ħu pjaċir u gost meta ssib xi okkażjonijiet illi fihom tkun tista' timmortifika l-amor propju tiegħek; anzi iddistakka ruħek dejjem aktar mill-ħwejjeġ kollha maħluqa u minnek innifsek u*

*ingħaqad biss mal-ħelu Għarus Imsallab."* Anke fi kliemna, spiss twissina biex ma nonqsux mill-virtù tal-karità billi nitkellmu ħażin fuq ħaddieħor: *"Inħeġġiġkom għeżież, biex tgħixu l-karità fraterna, speċjalment meta titkellmu bejnietkom u mas-sorijiet tal-komunitajiet l-oħra dwar id-difetti tas-sorelli."* (V12). *"Għall-imħabba ta' Alla, nitlobkom biex taħarbu milli titkellmu fuq id-difetti tas-sorelli li kultant tissusspettaw, jew li ħaddieħor jgħidilkom bihom: oqogħdu attenti dwar dan il-punt hekk delikat, li jista' jġib ħafna ħsara u firda.... Aħna lkoll fraġli, u faċli li naqgħu u li niżbaljaw: għalhekk infittxu li ngħattu d-difetti li naraw f'dawk li jgħixu madwarna."* (V 17). *"Naħdmu dejjem kontra n-natura, nikkumbattu mal-egoiżmu tagħna u daqshekk."* (L 86).

Madre Margerita emmnet li biex tegħleb kull xorta ta' tfixkil, kien jeħtieġ li tgħaddi mit-triq taċ-ċaħda, fejn ir-ruħ tmut għaliha nfisha waqt li titħarreġ għall-ġlieda kontra l-għedewwa tagħha. U biex tħarreġ lilha nfisha fiċ-ċaħda, kienet spiss issum, tilbes iċ-ċilizju u tuża d-dixxiplina. Ħafna sorelli li għexu fi żmienha semmew kif qatt ma kienet tiekol laħam, u kif kienet tiġbor il-ħobż iebes li jħallu t-tfal, jew is-seminaristi, biex tieklu hi aktar tard. Mhux ta' b'xejn fl-ittri tagħha nħossu l-ħerqa li biha kienet tħoss dan il-bżonn: *"Jeħtieġ li kull ħin nitqabdu kontra n-natura mħassra tagħna. Jeħtieġ li dejjem nissagrifikaw ruħna. Niċċaħħdu dejjem mis-sodisfazzjonijiet tagħna, mix-xejriet ħżiena tagħna. Ma rridu nċedu qatt għall-fehmiet tagħna umani, u lanqas għat-tqanqil tal-ġisem. Qalbna u ħsibijietna dejjem 'il fuq u qatt lejn il-ħwejjeġ tad-dinja."* (L 71)

Minn dak li ħallitilna bil-miktub Madre Nazzarena, dwar Madre Margerita, għandna stampa ċara ta' kemm kellha kontroll tagħha nfisha u bilanċ matur anke fir-relazzjoni tagħha mal-oħrajn: *"Madre Margerita kienet is-sid tagħha nfisha. Ma kinitx tħalli jidher minn barra ebda sinjal ta' nuqqas ta' paċenzja, jew xi riżentiment ċkejken, imma kienet iġġib ruħha l-istess ma' kulħadd, kemm ma' dawk li kienu jġibuha, kif ukoll ma' dawk li kienu jippersegwitawha... Anzi, ma' dawn tal-aħħar il-Madre kienet iġġib ruħha b'aktar ħlewwa, u meta kienet tirċievi xi dispett mingħand xi waħda minn dawn, aktar kienet tumilja ruħha u tfittex kif se taqbeż għal dik is-sorella li tkun offendietha, u kienet dejjem titkellem tajjeb minnha, kienet tiskużaha*

*u tikkumpatiha."* Din hi l-virtù tar-rażan mgħixa f'livell għoli, biex fil-fraternità żżomm dejjem il-paċi!!! Kemm għandna mudell fidil x'nimitaw! X'eżempji sbieħ!

Waqt li Madre Margerita għarrfet trażżan lilha nfisha u tgħakkes ix-xewqat tagħha, għamlet minn dawn is-sagrifiċċji għotja ta' riparazzjoni lil Alla, atti ta' imħabba lilU b'riparazzjoni għall-weġgħat kollha li jirċievi mill-bnedmin, u b'mod partikulari mill-persuni kkonsagrati lilu. Din kienet l-akbar tbatija tagħha – meta kienet tara l-infedeltajiet tal-bniedem lejn Alla: *"Jeħtieġ li noffru lilna nfusna bħala vittmi lil Qalb ta' Ġesù"* (L 140) kienet tikteb lis-sorelli tagħha, u tkompli *"inpattu għal tant offiżi li jirċievi anke minn uliedu stess"* (L 135). Naċċettaw il-kalċi tat-tbatija bit-tama li npattu il-Qalb Maħbuba tiegħu. (ara L61). Fl-aċċettazzjoni umli ta' dak kollu li jmur kontra n-natura tagħna, insibu l-vera korrispondenza għall-imħabba ta' Dak li ħabbna Hu l-ewwel.

Verament dak li qal San Pawl fl-ewwel ittra tiegħu lill-Korintin ġie mwettaq fiha: "*Alla għażel dak li hu bluha għad-dinja biex iħawwad l-għorrief; għażel id-dgħajfa tad-dinja biex iħawwad il-qawwija; għażel il-mistmerra tad-dinja, u n-nies li ma huma xejn, biex iġib fix-xejn lil dawk li huma xi ħaġa. Hekk ebda bniedem ma jkun jista' jiftaħar quddiem Alla.* (1 Kor 1, 27 – 29). Kif semma tant tajjeb il-wisq mibki, P. Ġorġ Aquilina ofm, il-Viċi Postulatur tal-Kawża, fil-kitba tiegħu fuq l-ispiritwalità ta' Madre Margerita, "hi qatt ma ftaħret li Alla kien qed jinqeda biha, u lanqas qatt ma ħassitha indispensabli għal din il-ħidma ta' Alla. Anzi, hija umiljat ruħha profondament u xejnet ruħha kemm setgħet, f'kull okkażjoni. Alla ma għażilhiex għall-personalità qawwija tagħha, imma għad-disponibiltà li sab fiha biex taqdih." U x-xhieda ta' persuna lajka – is-Sinjura Pawla Grech – li kienet taf lil Madre Margerita meta kienet ix-Xagħra stqarret: *"Kienet mara tassew umli. Kellha personalità li tiġbdek! Kienet ukoll soru sempliċi – l-anqas kienet taf x'inhi suppervja".*

F'dawn il-ftit paġni rajna kif l-għażiża fundatriċi tagħna, l-Venerabli Madre Margerita għexet il-virtujiet kardinali ta' prudenza, ġustizzja, qawwa, u rażan. X'messaġġ qiegħda tħalli lilna llum permezz ta' din ir-riflessjoni? Żgur li tixtieqna nkunu xhieda tal-Kariżma li ħallitilna, li ngħixu l-adorazzjoni, l-immolazzjoni u r-riparazzjoni biex il-ħajja tagħna tkun aktar virtuża. Nirriflettu fuq il-mod li bih

għexet il-virtujiet biex inkunu nistgħu nimitawha. L-għixien ta' dawn il-virtujiet iwassalna biex ngħixu ħajja kkonsagrata fidila u ġeneruża. Biex nitgħallmu ngħixu dawn il-virtujiet, Madre Margerita tħajjarna mmorru Betlem, fuq il-Kalvarju, quddiem il-Qalb Ewkaristika, għax hemm żgur insibu l-mudell per eċċelenza, mudell li hi wkoll, tul ħajjitha, fittxet li timita. Hija kienet tikkontempla fit-tul il-Misteru tal-Inkarnazzjoni, il-Misteru tal-Passjoni u l-Misteru tal-Ewkaristija. Għarfet tlaħħam fil-ħajja tagħha dawn it-tliet misteri ta' Kristu.

Meta kienet tikkontempla l-misteru tal-Inkarnazzjoni, kienet tħares lejn l-umiltà ta' Alla li sar Bniedem, Alla li ċċekken u sar tarbija għalina; kienet tikkontempla l-faqar li fih twieled, kif ukoll l-ambjent kiesaħ li ħaddnu.

*"Infittxu li nitgħallmu l-virtujiet sbieħ ta' Ġesù Bambin, ... ħalli hekk nersqu kemm nistgħu lejn il-Mudell tagħna."* (L 102). *"Inħobbuh, iva inħobbuh b'imħabba diżinteressata u safja... Inħobbuh billi nissagrifikaw il-ġibdiet tagħna, l-interessi tagħna, il-kumditajiet kollha. Fhimtni? Insomma nintelqu ... bla ma nżommu xejn għalina."* (L 86)

Il-Passjoni ta' Kristu kienet dejjem fil-moħħ ta' Madre Margerita, u kienet tgħożż f'qalbha dawk is-sentimenti li kienet tħoss meta tiftakar li "l-Għarus Imsallab" uriena xi tfisser verament tħobb minn fuq is-salib, u għalhekk kienet tixxennaq li tmut imsallba miegħu, biex turih imħabbitha, *"biex tikkorispondi ... billi tmut imsallba mal-Għarus Imsallab, ladarba din hi l-prova tal-imħabba vera."* (L43). F'ittra oħra kitbet: *"Mingħajr ħafna mħabba għat-tbatija, għas-sagrifiċċju u għall-umiljazzjoni m'hemmx imħabba vera."* (L 65).

Patri Paolo Calliari OMV, fil-Profil Bijografiku dwar Madre Margerita, jistqarr li jekk nifirdu lil Madre mill-Ewkaristija, inkunu qed inneżżgħuha minn kull tifsira. Nafu kif kienet iġġib ruħha fid-Dar tal-Adorazzjoni meta kienet toqgħod għassa biex mat-tokk tal-qanpiena, jekk is-sorella li kien imissha tidħol tagħmel l-adorazzjoni ma kinitx tkun pronta biex tidħol, hija kienet tieħu l-okkażjoni biex tidħol minflokha. It-Tabernaklu kien għaliha forn jaqbad ta' imħabba, u skola ta' virtujiet minn fejn il-persuna kkonsagrata titgħallem tgħix biss għal Alla. *"Irrikmanda ruħek bil-ħeġġa u spiss lill-Qalb Ewkaristika biex tgħinek tifhem u taqla' mill-għeruq ta' qalbek, kull*

*sentiment dwarek innifsek u tkabbar biss is-sentimenti kollha tal-umiltà, tat-tixjin, tal-istmerrija tiegħek innifsek."* (L 145). *"Nirrikkmandalek il-qawwa, is-sabar: fittex kollox mill-Imqaddes Tabernaklu, kollox jista' jinstab moħbi hemm."* (L 121). U dan hu l-parir li tat lil Sr Rosaria Sotera: *Attenta li ma titlef l-ebda okkażjoni li tersaq qrib il-ħelu Ġesù fit-Tabernaklu tiegħu: hemm issibu dejjem lest biex idawwalna, jfarraġna u jgħinna ...Hu jħobbna bla qjies, u aħna ma nistgħux inħobbuH jekk mhux il-ftit ... U billi l-imħabba tintwera fis-sagrifiċċji, minnhom insibu ħafna matul it-triq, mhux veru? Aħtafhom biex tagħmel minnhom bukketti tal-fjuri u offrihom lill-Qalb Qaddisa, minflok ix-xewk li bih hi dejjem imdawra."* (L 125).

**<u>KONKLUŻJONI</u>**

Din ir-rikkezza issa ġiet afdata f'idejna. Madre Margerita għaddiet din l-ispiritwalità tagħha u saret il-punt tat-tluq u ta' tiġdid tal-Kongregazzjoni. Mela jmiss issa lilna li nimxu fuq l-eżempju ħaj li ħallitilna.

*"Mela, għeżież uliedi, inħobbu bil-fatti u tassew, jiġifieri bis-sagrifiċċji, biċ-ċaħda tal-ġudizzji tagħna, anke f'affarijiet żgħar, bl-imħabba fraterna u billi nagħdru d-dgħufija ta' xulxin ... Inkomplu ngħixu fil-pjagi tal-Maħbub ħelu tagħna u nżommu dejjem qlubna 'l fuq, b'hekk insiru żgur għarajjes inqas indenji tat-Tarbija divina, li twieldet f'għar bejn żewġ annimali u miet Imsallab bejn żewġ ħallelin."* (L 64).

Mela, niftaħ widnejja u nisma' lil Madre Margerita tkellimni, bi kliem Missierna San Franġisk: *"Jien għamilt sehmi, int x'qed tagħmel? Jalla Kristu jurik is-sehem tiegħek u tagħmlu."* Irrid nieħu proponiment sod li se nagħmel ħilti biex ngħix l-virtujiet Kardinali aktar fedelment fil-ħajja kkonsagrata tiegħi: **il-Prudenza** billi nagħraf dejjem nagħmel dixxerniment bejn dak li hu tajjeb u dak li hu ħażin, jew aktar importanti minn hekk, bejn dak li hu tajjeb u dak li hu aħjar; **il-ġustizzja** billi nagħti prijorità lill-ħwejjeġ ta' Alla, u ma nħallix l-affarijiet materjali idennsuli l-ħajja spiritwali, waqt li lil kull bniedem nagħtih dak li hu tiegħu; **il-qawwa** billi ma nħalli l-ebda tfixkil jiġi bejni u bejn Alla, u b'kuraġġ inwarrab ir-rieda tiegħi, biex inwettaq dik ta' Alla; **ir-rażan**, billi nagħraf ngħix mingħajr ħafna "bżonnijiet", u noffri dak kollu li jien u dak kollu li għandi lil Alla bħala sagrifiċċju mogħġub lilu. Kif jgħidilna l-Papa Francesco, jeħtieġ li nkunu nisa kapaċi jqajmu d-dinja. *"Il-Mulej isejħilna*

*kuljum biex nimxu warajh bil-kuraġġ u l-fedeltà ... Hu l-uniku Alla ta' ħajjitna u jistedinna ninżgħu mill-ħafna idoli u naduraw lilu waħdu."* ("Ifirħu", n. 6). Dan hu dak li għalih iwassalna l-għixien tal-virtujiet Kardinali, fuq il-passi tal-għażiża fundatriċi tagħna, Madre Margerita.